MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Numru 930/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**

**ROMARIO MUSCAT**
**ROMINA AZZOPARDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Romario Muscat bin Carmel u Antonia nee Fontebrera, imwieled Pieta' fis-07/09/1990, residenti 48 Triq San Gwann, Bormla jew Flt. 7 Gizelle Flats, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 504990M

u

Lil Romina Azzopardi bint Jason u Georgina nee' Farrugia, imwielda Pieta' fil-15/06/1988 residenti 36, Fuq Verdala, Bormla u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 280288M gew akkuzati talli:

Nhar il-31 ta' Lulju, 2009 ghal habta tas-1800 hrs gewwa Floriana:

1. ikkommettew serq ta' handbag u oggetti ohra liema valur huwa aktar minn EUR 232.94 izda inqas minn EUR 2329.37 liema serq huwa agravat bil-Valur, ghad-detriment ta' Edna Mendoza detentrici ta' passaport Filippin bin-numru PP0067993;

Lil Romina Azzopardi wahedha talli:

2. b'hekk saret recidiva b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-27 ta' Gunju 2009 mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JG5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami rispettiv taghhom l-imputat Romario Muscat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u l-imputata Romina Azzopardi wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputat Romario Muscat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u l-imputata Romina Azzopardi wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech u Dr Charmaine Cherrett ghall-imputata Romina Azzopardi iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputata Romina Azzopardi ghandha problema serja ta' abbuz mid-droga.

Semghat trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Romario Muscat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputata Romina Azzopardi l-artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Romario Muscat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-eta' tenera tal-imputat u l-fedina penali netta tal-istess imputat Romario Muscat, tillibera lill-imsemmi imputat Romario Muscat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Issib lill-imputat Romina Azzopardi, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, l-eta' tenera tal-imputata u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech u Dr Charmaine Cherrett ghall-imputata Romina Azzopardi iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputata Romina Azzopardi ghandha problema serja ta' abbuz mid-droga, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputata Romina Azzopardi taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex l-imputata Romina Azzopardi jkollha l-assistenza necessarja kontra l-abbuz mid-droga.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Romina Azzopardi.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imputata Romina Azzopardi kull sitt xhur.

Finalment il-Qorti tat lill-imputat Romario Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll il-Qorti tat lill-imputata Romina Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------